MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 10/2004

**Norman Abela**

**vs**

**Ex-WET Automotive Systems (Malta) Ltd;**
**WET Manufacturing (Malta) Ltd;**
**WET Automotive Systems (Malta) Ltd;**
**WET Holding Company (Malta) Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Novembru, 2004, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“**1. Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni pprezentata fir-

Registru tal-Qrati Superjuri fid-9 ta' Marzu 2004 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant l-Ing. Norman Abela kien assistit mis-Sur Michael Seychell, Industrial Relations Consultant, u l-intimati kienu rapprezentati minn Ms Nathalie Azzopardi, HR Manager u aktar tard mis-Sur Colin Tabone, Direttur assistiti mill-Avv Dr Hugh Peralta.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

**2. Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| l-appellant | l-Ing. Norman Abela; |
| Nathalie Azzopardi | H.R. Manager; |
| Ronald Attard Pullicino | eks-impjegat; |
| Joe Borg | eks-impjegat |
| Kevin Degiorgio | eks-impjegat; |
| Carmelo Ellul | eks-impjegat; |
| Colin Tabone | Direttur |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

**4. Il-Fatti**

Is-Sur Norman Abela kien gie impjegat mal-kumpanija WET fl-20 ta' Marzu 2000 u safa ssensjat fil-31 ta' Jannar 2004, b' salarju basiku ta' Lm11,419 fis-sena. Il-grad li spicca bieh kien ta' Senior Production Processor Engineer waqt li s-salarju gross kien ta' Lm13.014 fis-sena mal-WET Manufacturing (Malta) Ltd. wara li spicca minn mal-WET Manufacturing (Malta) Ltd fil-31 ta' Jannar 2004 u sab jahdem ma' kumpanija ohra fil-15 ta' Frar 2004, skontu b' salarju aktar baxx milli kellu mal-WET.

L-Engineering Branch jew Dept tal-WET Manufacturing (Malta) Ltd kien kompris minn Ronald Attard Pullicino, Senior Production Product Engineer, Norman Abela, Senior Production Process Engineer, Joseph Borg, Production Product Engineer, Kevin Degiorgio, Production Process Engineer u Charles Ellul, Engineering Assistant, li kollha barra Norman Abela wara li spiccaw fis-27 ta' Jannar minn mal-WET Manufacturing Malta Ltd regghu gew impjegati mal-WET Automotive Systems (Malta) Ltd mit-28 ta' Jannar 2004 sakemm li barra Ellul li spicca fil-31 ta' Marzu 2004 telqu minn rajhom f' dati differenti qabel il-31 ta' Marzu 2004.

Fid-27 ta' Jannar 2004, il-kumpanija WET Manufacturing (Malta) Ltd issensjat lill-impjegati kollha taghha abbazi tar-raguni mghotija lill-ETC bhala "Business Closing Down" bl-eccezzjoni tal-membri ta' l-Engineering Dept li gew mghotija impjieg mal-WET Automotive wara din id-data, bl-eccezzjoni ta' Norman Abela li l-impieg tieghu gie tterminat fil-31 ta' Jannar 2004. Ir-raguni ghall-retenzjoni tal-Engineering Dept fl-impieg wara s-27 ta' Jannar 2004 kienet biex jinghata "support" tekniku u/jew amministrattiv lill-kumpanija WET Systems fic-Cina.

Norman Abeha qabel ma gie tterminat l-impieg tieghu gie offrut trasferiment fl-impjant WET fic-Cina li ma accettax. Gie wkoll offrut li jmur jahdem fl-impjant WET fl-Ungerija; din l-ahhar offerta kienet suggetta li Abela jiddiskuti l-kundizzjonjiet mal-General Manager fl-Ungerija.

Fuq din l-offerta ma sar l-ebda zvilupp. L-ahhar impjegat ta' l-Engineering Branch viz Carmelo (Charles) Ellul baqa' fl-impieg sal-31 ta' Marzu 2004 mal-WET Automotive Systems.

## 5. Kunsiderazzjonijiet

Dan il-kaz irid ikun ikkunsidrat minn diversi aspetti izda dejjem taht il-kriterju ta' tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.

Minn naha ta' l-appellant ikkontenda li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma setghetx tkun abbazi ta' wahda minn tliet ragunijiet cioe`:-

(a) Redundancy
(b) Dixxiplina
(c) Ksur tal-kuntratt tax-xoghol

Spjega analitikament li l-ebda wahda minn dawn it-tlieta ma kienet specifikament tapplika ghalih izda kkonkluda li fic-cirkostanzi r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet wahda ngusta.

L-appellant staqsa kif seta' l-*Management* jirretJeni li r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu setghet kienet u giet imnizzla ma' l-ETC bhala "Business Closing Down", meta shabu fl-Engineering Dept. l-ghada li spicca mal-WET Manufacturing Ltd gew trasferiti mal-WET Automotive Systems (Malta) Ltd biex jaghmlu l-istess xoghol li kienu jaghmlu mal-WET Manufacturing (Malta) Ltd. Minn naha tal-kumpanija li dan kien kaz car ibbazat fuq ir-raguni ta' "Closing Down of Business" u ghalhekk *per se* ma setghetx tkun terminazzjoni ta' l-impieg ingust. Il-kumpanija deherilha li l-appellant ma kellux kaz u l-argumenti kollha migjuba minnu biex isostni t-talba tieghu kienu inutili ghax l-ghajta li t-tkeccija tieghu kienet ingusta ma tregix peress li ma taqa' taht l-ebda klawsola koperta mill-Ligi u kienet biss abbazi ta' "Business Closing Down".

It-Tribunal Industrijali jibda biex jiddikjara li t-talba ta' terminazzjoni ta' l-impieg tkun ingusta ma tistax tigi kkunsidrata biss fil-parametri ta' tifsir maghluq izda ghandha tkun ikkunsidrata f' parametri wiesgha li jkopru kull azzjoni u/jew nuqqas ta' azzjoni li tolqot il-gustizzja naturali kif ukoll tenut kont ic-cirkostanzi.

It-Tribunal Industrijali jrid f' dan l-istadju jirrimarka li huwa ben konxju li f' certi kazi t-terminazzjoni ta' l-impieg ghalkemm ikun jidher "prima facie" li din tkun koperta mill-Ligi bhal nghidu ahna "Redundancy", sussegwentement jigi rilevat li c-cirkostanzi u l-fatti jirrendu t-tkeccija ngusta.

Fil-kaz Norman Abela t-Tribunal huwa sodisfatt li l-impieg tieghu ma giex itterminat ghall-ebda wahda specifika mit-tliet ragunijiet imsemmija aktar ‘il fuq; jista’ jkun izda li wahda jew aktar mit-tliet ragunijiet seta’ kellhom effett fuq id-decizjoni tat-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ Abela.

It-Tribunal irid jirrimarka li meta l-membri ta’ l-Engineering Dept sfaw bla xoghol fis-27 ta’ Jannar 2004 abbazi ta’ “Business Closing Down”, dawn bl-eccezzjoni ta’ l-appellant gew immedjatament impjegati fit-28 ta’ Jannar 2004 mal-WET Automotive Systems (Malta) Ltd.

Huwa veru li l-impjegati kollha tal-WET Manufacturing (Malta) Ltd gew issensjati fis-27 ta’ Jannar 2004 izda huwa veru wkoll li l-membri tal-Engineering Dept gew regghu impjegati l-ghada fit-28 ta’ Jannar 2004 mal-WET Automotive Systems (Malta) Ltd, fatt li kkomplika serjament it-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-appellant. Wiehed jista’ b’ xi mod jargumenta li din ta’ l-ahhar kienet kumpanija ohra izda zgur hadd ma jista’ jinnega li l-WET Automotive Systems (Malta) Ltd kienet taqa’ taht l-istess Management bhal ma kienet il-WET Manufacturing (Malta) Ltd u allura taht l-istess direzzjoni. Il-mossa li l-membri ta’ l-Engineering Dept gew impjegati mal-WET Automolive Systems (Malta) Ltd fit-28 ta’ Jannar 2004, gurnata biss wara li kienu spiccaw bhala impjegati tal-WET Manufacturing (Malta) Ltd tista’ liberament tigi nterpretata bhala mezz legali biex tellimina l-allegazzjoni prezunta li “m’hux l-impjegati kollha tal-WET Manufacturing (Malta) Ltd” gew issensjati fis-27 ta’ Jannar 2004.

Kif intqal aktar ‘il fuq l-uniku membru ta’ l-Engineering Dept li thalla barra mill-impieg mal-WET Automotive Systems (Malta) Ltd kien l-appellant, diga minnha nfisha mossa suspettuza u possibilment diskriminatorja.

Huwa veru li kienet il-WET Manufacturing (Malta) Ltd li tterminat l-impieg ta’ l-appellant fil-31 ta’ Jannar 2004, izda huwa veru wkoll li l-organizzazzjoni WET ma impjegatux mal-WET Automotive Systems (Malta) Ltd l-

ghada li spicca minn mal-WET Manufacturing (Malta) Ltd kif sar mal-membri l-ohra kollha ta’ l-Engineering Dept.

F’ dan ir-rigward it-Tribunal ma ghandux ghalfejn ihares ‘il boghod ghar-raguni ta’ din id-decizjoni ghax skond is-Sur Tabone, il-General Manager tal-WET ma kienx sodisfatt bl-efficjenza ta’ l-appellant f’ certi aspetti tad-doveri tieghu konnessi mal-htigijiet tal-kumpanija WET fic-Cina.

It-Tribunal jista’ jifhem li l-General Manager kien disappuntat mill-aspettattivi li kien jistenna u ma materjalizzawx bhala “support” ghall-kumpanija WET fic-Cina, izda fil-fehma meqjusa tat-Tribunal kienet decizjoni li turi li l-General Manager tilef il-fiducja li kellu fl-appellant. Din id-decizjoni tikber fil-portata taghha jekk ma kienx hemm investigazzjoni serja, jekk in-nuqqas ta’ l-appellant kienx dovut lilu u ma kienx hemm ohrajn li naqsu f’ dan ir-rigward u meta fl-istess xhieda tieghu is-Sur Tabone stqarr li kien sodisfatt bil-kapacita teknika ta’ l-appellant u meta dan kien intbaghat jaghmel xoghol ghall-WET fil-Messiku u fic-Cina.

It-Tribunal Industrijali jifhem li f’ cirkostanzi bhal dawn kien ikun ferm difficli u bla raguni gusta li tixli lill-appellant b’ nuqqas tad-doveri tieghu.

It-Tribunal jifhem ukoll il-hsieb jekk mhux ix-xewqa li l-General Manager ma riedx itellef lill-appellant l-opportunita li jkompli jahdem ma’ l-organizzazzjoni WET meta offrielu li jmur jahdem fl-impjant WET fic-Cina u l-Ungerija, li l-appellant ma accettax, izda ma riedux fl-istess pozizzjoni li kien jokkupa qabel. Finalment it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jidhol fil-merti jekk l-appellant kellux jimla l-post ta’ Charles Ellul, l-Assistant Engineer li kien jghamel u/jew jassisti lill-appellant.

It-Tribunal Industrijali kuwa konxju li l-hsieb ewlieni kien li l-Engineering Dept kien ghad hemm bzonnu biex jissapportja lill-WET fic-Cina.

Ghar-rigward tad-doveri relattivi ta’ l-appellant u Charles Ellul, it-Tribunal Industrijali liberament jiddeciedi li t-

tqassim tax-xoghol bejn Abela u Ellul kien li jikkomplementaw lil xulxin minkejja d-differenza fil-grad u r-responsabbilta taz-zewg impjegati.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ma jistax jifhem kif wiehed jista' jghid li li l-impjegati kollha tal-WET Manufacturing (Malta) Ltd sfaw bla xoghol meta l-impieg taghhom gie tterminat fis-27 ta' Jannar 2004, meta dan ma kienx japplika ghall-Engineering Dept li gew impjegati, fi kliem aktar addattat "trasferiti" immedjatament ghal mal-Wet Automotive Systems Malta Ltd li kienet u ghadha parti integrali mill-kumpanija WET. Naturalment f' dan l-*exercise* thalla barra l-appellant. U meta dan l-arrangament sar, fi kliem il-General Manager, biex jitkompla is-*support* lill-impjant WET fic-Cina kien arrangament li fil-fehma meqjusa tat-Tribunal Industrijali li rrenda t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ingust.

Wara li l-Tribunal Industrijali kkunsidra l-I*statements of Case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, isib u jiddeciedi, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet tieghu citati hawn fuq, li fic-cirkostanzi t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant Norman Abela kienet ingusta.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jiddeciedi li l-appellant Norman Abela ghandu jinghata kumpens mill-kumpanija WET fis-somma ta' erbgha mija u disgha u disghin Liri Maltin (Lm499) fi zmien erba' (4) gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Is-socjetajiet rikorrenti appellaw minn din is-sentenza b' dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal naqas li jidentifika minn fost l-erba' kumpaniji citati kienet affettivament il-legittimu kontradittur di fronte ghall-appellat;

(2) It-Tribunal naqas li jiehu in konsiderazzjoni s-sottomissjoni propunjata minnhom ta' "Closure of Business";

(3) It-Tribunal ma kellux jassumi b' argoment illi ghax l-appellat ma giex impjegat mas-socjeta` WET Automotive Systems Ltd bhal ma sehh fil-kaz ta' l-inginjiera l-ohra, allura hu gie b' hekk imkecci ngustament;

(4) It-Tribunal ma kellux jikkonkludi li WET komplessivament u indistintament kienet responsabbli versu l-appellat. Kemm ghal din ir-raguni u l-gravam precedenti, dejjem skond l-appellanti, it-Tribunal mar *ultra vires* il-kompetenza tieghu;

Mis-suesposti aggravji huwa evidenti li s-socjetajiet appellanti jibbazaw l-assunt taghhom ta' l-appellabilita` tad-decizjoni fuq dak li huma jidhrilhom li kienu nuqqasijiet jew enuncjazzjonijiet legali zbaljati mit-Tribunal. Dan qed jigi rilevat in kwantu jinsab regolat specifikament mid-dispost ta' l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) illi fil-kaz ta' tkeccija minghajr gusta kawza u fil-kazi li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal skond l-Artikolu 75 (1) (a) u (b) ikun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' ligi;

Din il-Qorti allura kellha qabel xejn tiddetermina jekk kienx hemm jew le punt ta' ligi involut fl-appell li gie malament deciz mit-Tribunal u li kellu allura jigi rivedut minn din il-Qorti. Dan ghaliex id-decizjonijiet u ordnijiet tat-Tribunal ghal dawk li huma konkluzjonijiet u kwestjonijiet ta' fatt huma finali. Li jfisser illi jekk il-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell huwa nfondat il-Qorti, skond gurisprudenza kostanti fuq ligijiet ohra li similment jaghtu dritt ta' appell lilha fuq punt ta' ligi biss, ma tidholx biex tezamina l-fatti;

L-appellanti jibdew biex jaghmlu enfasi fuq il-proposizzjoni illi t-Tribunal ma ddistingwiex bejn id-diversi kumpaniji mharrka u ma stabiliex allura min minnhom kien il-legittimu kontraddittur u ghalhekk responsabbli di fronte ghall-appellat. Ghal din il-Qorti dan l-ilment huwa eminentement punt ta' dritt li kellu jigi sewwa epurat mit-Tribunal u mhux semplicement iqieghed is-socjetajiet imharrka f' keffa wahda u jikkonkludi li l-kumpanija WET kienet responsabbli ghall-hlas tal-kumpens minghajr ma jidentifika liema minnhom kienet hekk responsabbli;

Indubitament, kull socjeta` citata kellha personalita` guridika separata u distinta. Wiehed imbaghad ma kellux jitlef di vista illi l-procediment quddiem it-Tribunal kien jinvolvi materja ta' tkeccija ngusta ta' impjegat, u tali tkeccija ma setghetx hlief tkun saret mill-kumpanija li maghha l-impjegat kellu kuntratt ta' servizz. Del resto l-istess Tribunal proprju fl-ewwel paragrafu tal-konsiderazzjonijiet tieghu jirrikonoxxi li l-materja kellha tigi skrutinata "taht il-kriterji ta' tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta";

Issa wiehed jista' forsi japprezza illi dak li seta' nfluwenza lit-Tribunal kien il-fatt ta' kif certi kumpaniji citati gew krejati jew inbidlilhom l-isem u li allura s-socjetajiet kienu sospettozament qeghdin jittantaw jevadu mir-responsabilita` tramite espedjenti legalistici. Imma apparti mill-fatt li tonqos il-prova ta' xi finzjoni guridika appozitament imwaqqfa u ghal fini biss ta' konvenjenza, mill-atti kien jirrizulta ben car sa mit-tieni seduta (2 ta' Gunju 2004) illi, fuq invit ta' l-istess Chairman, il-konsulent industrijali ta' l-appellat kien iddikjara li l-kumpanija citata fl-okkju kellha tkun "WET Manufacturing (Malta) Ltd". Dikjarazzjoni din li sabet nuqqas ta' oggezzjoni mill-kontroparti u l-adezjoni tat-Tribunal. Ma kellux allura jigi assunt illi s-socjetajiet kollha citati assumew ir-responsabilita` tal-licenzjalment ta' l-appellat. Mill-istess dikjarazzjoni l-kuntrarju hu l-kaz in kwantu permezz

taghha gie precizat min fost is-socjetajiet kellha proprjament titqies bhala l-legittimu kontradittur ta' l-appellat fil-proceduri quddiem it-Tribunal;

Minn din l-osservazzjoni jitnissel illi t-Tribunal kellu, fil-parti operativa tas-sentenza, una volta kien fassal ir-ragonament tieghu, jiddisponi illi s-socjeta` responsabbli kienet dik maghrufa bl-isem "WET Manufacturing (Malta) Ltd.";

Bir-rispett kollu l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 citat mill-appellat fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti ma jiccentra bl-ebda mod f' dan il-kaz billi mill-provi quddiem it-Tribunal ma jirrizultax li kien hemm trasferiment tan-negozju jew ta' l-azjenda WET Manufacturing (Malta) Ltd li maghha kien impjegat l-appellat;

L-aggravju allura fuq dan il-punt jimmerita li jigi akkolt;

Hi diversa pero` l-qaghda fir-rigward tat-tieni ilment. Minn ezami tas-sentenza appellata jidher evidenti illi fiha ma hemmx hlief valutazzjoni tal-fatti rizultanti mill-provi u, allura, fuq dik il-valutazzjoni, is-sentenza mhix sindakabbli minn din il-Qorti. It-Tribunal ma nterpreta ebda dispost ta' ligi b' mod li dahal f' xi kwestjoni legali. Dak li ghamel hu semplici gudizzju tal-provi in kwantocche sostanzjalment it-Tribunal esprima ruhu b' fehmiet bazati fuq konsiderazzjonijiet fattwali;

Donnu li ghall-appellanti r-raguni provduta minnhom ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg kellha tibbasta biex taht dik l-iskuzanti t-Tribunal ma jinoltrax ruhu fl-aspetti l-ohra rizultanti mill-provi attendibbli. Din, certament, hi proposizzjoni perikoluza in kwantu taht il-parvenza tad-difiza ventilata kapaci tigi newtralizzata r-ricerka tal-veru raguni tal-licenzjament ta' impjegat. Kien anzi jinkombi bi dmir fuq it-Tribunal li jezamina jekk ir-raguni provduta ta' "Closure of Business" kienetx genwina jew le. Fil-fatt huwa sab illi fic-cirkustanzi pervenuti f' dak il-kaz, bir-ri-impjieg ta' tlieta mill-erba' inginjiera, ad eskluzjoni ta' l-

appellat, kien pjanifikat minn qabel x' kellu jsehh, u li allura, dejjem fil-hsieb tat-Tribunal, ir-raguni ma kienetx dik additata mill-appellanti tal-"closure of business". Il-konkluzjoni raggunta minnu kienet il-konsegwenza ta' l-istharrig kondott minnu. Stharrig li kien jidhol prettament fil-mansjonijiet tat-Tribunal hekk appozitament krejat biex jissindika proprju materji koinvolgenti allegazzjonijiet ta' tkeccija ngusta;

Dan kollu ma jirrientrax fil-gurisdizzjoni limitata ta' din il-Qorti billi ma tikkoncerna ebda punt ta' ligi;

Ferma din il-konkluzjoni, is-sottomissjoni l-ohra ta' l-appellanti esposta fit-tielet ilment, ghal dik l-istess raguni appena affermata, ma tistax tkun lilhom ta' vantagg ghall-akkoljiment ta' l-aggravju;

In konsegwenza, filwaqt li ssib li tezisti bazi ghall-akkoljiment ta' l-aggravju illi fost il-kumpaniji citati kellha tkun is-socjeta` "WET Manufacturing (Malta) Ltd" li titqies responsabbli ghat-tkeccija ngusta ta' l-impjegat appellat, ghal kumplament ma ssibx li hemm ebda punt serju ta' ligi li fuqu jista' jirpoza l-appell.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda takkolji l-appell limitatament dwar l-ewwel aggravju in bazi ghall-konsiderazzjonijiet suesposti. Mill-bqija, l-appell qed jigi respint in kwantu l-aggravji, hlief sa fejn konnessi ma' l-ewwel wiehed, ma jirrientrawx fil-gurisdizzjoni limitata ta' din il-Qorti billi ma jikkoncernaw ebda punt ta' ligi. Konsegwentement fir-rigward ta' dawn l-istess aggravji l-appell qed jigi dikjarat irritu u null. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------